# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 2022.**

**Numru 2**

**Rikors Kostituzzjonali Numru 152/2019/1 FDP**

**John Mary Buttigieg, Joseph Buttigieg, Maria Violet Vassallo, Bridget Buttigieg u Helen Vella**

***v.***

**L-Avukat Ġenerali, llum l-Avukat tal-Istat, u Josephine Eileen *sive* Joslene Ciappara**

1. Dawn huma żewġ appelli – wieħed tal-atturi u l-ieħor inċidentali tal-Avukat tal-Istat – minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali tas-27 ta' Mejju 2021 li sabet li bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Ordinana li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini ["Kap. 69"] u tal-Att X tal-2009 inkisru d-drittijiet tal-atturi għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħarsin bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet

Fundamentali ["l-"Ewwel Protokoll"], u tat rimedju għal dan il-ksur. L-appelli tal-partijiet jolqtu biss il-*quantum* ta' kumpens mogħti mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Jirriżulta li l-fond … … … huwa mikri lil Josephine Eileen Ciappara *ai termini* tal-protezzjoni tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »Oriġinarjament l-imsemmi fond kien jappartjeni lill-ġenituri tar-rikorrent Michael u Rita konjuġi Buttigieg li kienu akkwistaw l-imsemmi fond permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Novembru 1946. Sussegwentement, permezz ta' testment *unica charta* datat 20 ta' April 1988 ir-rikorrenti u oħthom xebba Maria Buttigieg ġew nominati eredi universali.
>
> »Jirriżulta li fil-15 ta' Lulju 1990, miet Michael Buttigieg. Maria Buttigieg mietet intestata fis-7 ta' Ottubru 2009; il-werrieta tagħha kienu ħutha, ossija r-rikorrenti li ħallsu d-dikjarazzjonijiet *causa mortis* f'dan ir-rigward.
>
> »Jirriżulta wkoll li Rita Buttigieg mietet fis-16 ta' April 2010, is-sehem tagħha ddevolva fuq ir-rikorrenti kif dikjarat fid-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-14 ta' April 2011.
>
> »Il-kera in kwistjoni bdiet fl-1992, għandha l-protezzjoni a tenur tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. L-intimata Josephine Eileen Ciappara tħallas il-kera ta' €465.87 pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem.
>
> »Jirriżulta wkoll li ġie ppreżentat rapport tal-Perit Marie Louise Caruana Galea fejn il-valur fis-suq tal-fond … … … ġie stmat għall-valur ta' € 210,000. Il-Perit Marie Louise Caruana Galea ikkonstatat ukoll il-valur lokatizju tal-fond matul is-snin huwa s-segwenti:

| | |
|---|---|
| »Fis-sena 1993 | € 1,981 |
| »Fis-sena 1998 | € 2,520 |
| »Fis-sena 2003 | € 3,000 |
| »Fis-sena 2008 | € 4,200 |
| »Fis-sena 2013 | € 4,400 |
| »Fis-sena 2018 | € 7,800 |
| »Fis-sena 2019 | € 8,400 |

> »In eskussjoni għad-domandi tal-Avukat tal-Istat, il-perit wieġbet li l-avarija tal-valutazzjoni ta' binja bejn il-professjonisti tista' tvarja sa 15% minħabba l-element suġġettiv. … … …«

3. L-atturi talbu dikjarazzjoni ta' ksur tal-jeddijiet tagħhom imħarsa taħt l-artt. 37 u 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"], tal-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-

Libertajiet Fundamentali [“il-Konvenzjoni Ewropea”], u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, u talbu wkoll li jingħataw kumpens għal dan il-ksur.

4. L-ewwel qorti, wara li sabet ksur tal-jeddijiet tal-atturi mħarsa taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll iżda mhux ukoll tal-artt. 37 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, iddeċidiet hekk:

> »… … … tillikwida l-kumpens u danni fl-ammont ta’ wieħed u għoxrin elf u mitt euro (€ 21,100) bħala danni pekunarji u erbat elef u ħames mitt euro (€ 4,500) bħala danni non-pekunarji, li flimkien jagħmlu total ta’ ħamsa u għoxrin elf, u sitt mitt euro (€ 25,600) … … … u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-ammont ta’ wieħed u għoxrin elf u mitt euro (€ 21,100) u erbat elef u ħames mitt euro (€ 4,500) bħala danni non-pekunarji, li flimkien jagħmlu total ta’ ħamsa u għoxrin elf, u sitt mitt euro (€25,600).
>
> »L-ispejjeż għall-proċeduri odjerni tar-rikorrenti għandhom ikunu a kariku tal-Avukat tal-Istat filwaqt illi dawk ta’ Joslene Ciappara għandhom jibqgħu a kariku tagħha.«

5. Safejn huma rilevanti għall-appelli tal-partijiet, il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrenti, permezz tal-azzjoni preżenti, qed jilmentaw li l-operazzjoni tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta’ Malta, u tal-Att X tal-2009 u bl-operazzjonijiet tal-liġijiet viġenti qed jagħtu d-dritt ta’ rilokazzjoni lill-intimata, u konsegwentement qegħdin jikkontendu li dan qed jikser id-drittijiet fundamentali tagħhom permezz tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea (L-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta).
>
> »… … …
>
> »Fil-każ in eżami jirriżulta li l-fond in kwisjtoni kien soġġett għal kera koperta bil-Kap. 69 tal-Liġijiet ta’ Malta. Ir-rikorrenti sostnew li jirċievu kera miżera ta’ €931.74 fis-sena meta fl-2019 il-perit stmat il-fond in kwistjoni bl-ammont ta’ valur lokatizzju ta’ €8,400 fis-sena, li jfisser li r-rikorrenti qed jipperċepixxu biss 10% tal-valur lokatizzju. Għalhekk, ir-rikorrenti komplew jirreferu għar-rapport tal-perit fejn jidher li r-rikorrenti sofrew telf pekunarju konsiderevoli matul is-snin, *stante* li l-kera li pperċepew kienet irriżorja komparata mal-valuri lokatizzji hemmhekk elenkati.
>
> »Fil-każ in eżami jirriżulta li l-kirja tal-imsemmi fond … … … bdiet fl-1992, hija koperta bil-Kap. 69. Il-leżjoni prinċipali tar-rikorrenti tirrigwarda l-kera irriżorja. … … …
>
> »… … …

»*Di più*, ir-rikorrenti komplew jirreferu għar-rapport tal-perit fejn jidher li r-rikorrenti sofrew telf pekunarji konsiderevoli matul is-snin, *stante* li l-kera li pperċepew kienet irriżorja komparata mal-valuri lokatizji hemmhekk elenkati. Fis-sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti issotto-ineaw li bis-saħħa tal-Kap. 69 kif emendat bl-emendi tal-Att X tal-2009 seħħ indħil sostanzjali fit-tgawdija tal-proprjetà, indħil li ma kienx pro-porzjonat, u minħabba fih is-sid intalab jerfa' piż żejjed, meta mqabbel mal-għanijiet li għalihom dik il-liġi daħlet fis-seħħ.

»… … …

»Il-qorti tosserva illi r-rikorrenti talbu lill-qorti sabiex tipprovdilhom rimedji xierqa u opportuni sabiex id-dritt leż, kif fuq ġia indikat, jiġi rimedjat u għalhekk il-qorti issa trid tgħaddi biex tikkunsidra r-rimedji xierqa u effettivi li għandhom ir-rikorrenti talli nkisru d-drittijiet tagħhom.

»… … …

»Jirriżulta illi, fit-talba tar-rikorrenti, huma talbu għal ħlas ta' kumpens u danni, li l-qorti tifhem li jfisser pretensjoni għad-danni pekunarji għall-okkupazzjoni, kif ukoll danni non-pekunarji għal-leżjoni sofferti mir-rikorrenti.

»Ġaladarba nstab li hemm ksur tad-drittijiet tagħhom għat-tgawdija tal-fond in kwistjoni, il-qorti tqis li tali talba għal danni, kemm pekunarji kif ukoll non-pekunarji, hija mistħoqqa li tiġi kkunsidrata.

»Danni Pekunarji

»… … …

»Il-qorti tosserva wkoll illi fil-kalkolu tal-kumpens illi huwa dovut għal leżjoni tat-tip kontemplat permezz ta' l-azzjoni odjerna, hija ta' benefiċċju għal parti li jkun regola ċara u sempliċi dwar kif il-qorti tasal għal tali kumpens.

»Il-qorti kif ippreseduta temmen li huwa fl-aħjar interess tal-ġustizzja u tal-partijiet kollha li jkun hemm regola cara u sempliċi li abbażi tagħha … … … il-qorti tasal biex tiffissa l-kumpens, u tħoss illi tali regola għandha tkun ta' kumpens ekwivalenti ħamsin fil-mija (50%) tal-valur medju lokatizzju tul il-perjodu kollu fejn ir-rikorrenti ġew imċaħħda mill-proprjetà.

»Il-qorti tqis li tali ċarezza u sempliċità fir-regola ta' applikazzjoni ta' kumpens għandha tkun ta' assistenza u għajnuna għall-partijiet sabiex jistgħu jaslu għal indikazzjoni ta' kumpens ġust qabel ma jinbdew il-proċeduri odjerni, liema fatt ikun jista' jwassal sabiex jitnaqqsu l-volum kbir ta' kawżi kostituzzjonali fuq kumpens illi l-qrati bdew jiffaċċjaw reċentement.

»Jirriżulta mill-assjem tal-provi li l-fond in kwistjoni kien akkwistat oriġinarjament permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni datat 27 ta' Lulju 1982.

»Il-qorti tqis illi … … … jidher li l-aventi kawża [*recte*, l-awturi] tar-rikorrenti akkwistaw il-fond fis-sena 1946. Il-kirja tal-fond in kwistjoni bdiet fl-1992. Jirriżulta li żewġ ishma minn ħamsa ($^{2}/_{5}$) iddevolvew fuq ir-rikorrenti wara l-mewt ta' Rita Buttigieg fis-16 ta' April 2010, u sussegwentement saret iddikjarazzjoni *causa mortis* dwar dan datata 14 ta' April 2011.

»Il-qorti għalhekk tqis illi kwalsiasi kumpens li għandu jingħata lir-rikorrenti, bħala sidien tal-fond mertu tal-kawża odjerna, għandu

jingħata mill-2011 'il quddiem, minn meta kellhom l-ishma kollha tal-imsemmi fond.

»Jirriżulta mir-rapport tal-perit tekniku tal-qorti u l-valuri minnha stabbiliti u indikati … … … illi bejn is-sena 1993 sa Awissu 2019,

| | |
|---|---|
| »Fis-sena 1993 | € 1,981 |
| »Fis-sena 1998 | € 2,520 |
| »Fis-sena 2003 | € 3,000 |
| »Fis-sena 2008 | € 4,200 |
| »Fis-sena 2013 | € 4,400 |
| »Fis-sena 2018 | € 7,800 |
| »Fis-sena 2019 | € 8,400 |

»Ikkunsidrat li s-sena 2011 tiġi kkunsidrata fl-intier tagħħa, il-qliegħ previst li setgħu jipperċepixxu ipotetikament ir-rikorrenti sal-preżentata ta' dan il-każ fl-2019 kien jammonta għal tnejn u erbgħin elf u mitejn euro (€ 42,200).

»Jirriżulta għalhekk li, applikata r-regola fuq imsemmija, ossija li l-gvern għandu jagħmel tajjeb *in linea* ta' danni għall-ammont ta' nofs il-qligħ li seta' jiġi rikavat, il-kumpens għandu jkun ta' wieħed u għoxrin elf u mitt euro (€ 21,100) li huwa għal kull sena mill-2011 sas-sena 2019, illi fiha tali leżjoni kienet ċarament ikkawżata fil-konfront tar-rikorrenti bħala sidien tal-fond sas-sena tal-preżentata tal-kawża odjerna.

»Il-qorti tosserva li tali somma ċertament tinkorpora fiha l-element punittiv fuq min jonqos mid-drittijiet tiegħu, l-element eżemplari fejn jidher ċar u inekwivoku l-konsegwenza ta' tali nuqqas u finalment l-element effettiv fejn ir-rikorrenti jingħataw kumpens effettiv u mistħoqq.

»Danni Non-pekunarji

»Din il-qorti tagħmel referenza wkoll għall-każ Henry Deguara Caruana Gatto *v.* L-Avukat tal-Istat *et*, deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru 2020, fejn il-qorti qieset li d-danni pekunarji kellhom ikunu fl-ammont ta' €300,000 u rigward id-danni non-pekunarji ta' € 9,000 kif likwidatat mill-ewwel qorti, li tissarraf fl-ammont ta' €500 għal kull sena li l-appellant sofra ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, hija ikkonsidrata illi ssegwi l-prassi tal-Qrati Maltin u l-Qorti Ewropea fuq dan il-punt.

»Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, din il-qorti ser tevalwa d-danni non-pekunarji fl-ammont ta' €500 għal kull sena li r-rikorrenti sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali. Tenut kont li l-kumpens beda jingħata mill-2011, sad-data tal-preżentata tal-kawża fl-2019 għaddew disa snin, għalhekk il-kumpens għandu ikun ta' erbat elef u ħames mitt euro (€ 4,500).

»Tenut kont tal-fatt li mill-2011 ir-rikorrenti kienu spussessati mill-proprjetà tagħhom mingħajr ebda kumpens, il-qorti tqis illi l-kumpens li r-rikorrenti għandhom jingħataw għan-nuqqas fil-konfront tagħhom għandu jkun ekwivalenti għal wieħed u għoxrin elf u mitt euro (€ 21,100) bħala danni pekunarji u erbat elef u ħames mitt Euro (€ 4,500) bħala danni non-pekunarji, li flimkien jagħmlu total ta' ħamsa u għoxrin elf, u sitt mitt euro (€ 25,600).«

6. L-atturi appellaw b'rikors tas-16 ta' Ġunju 2021 li għalih il-konvenuta Ciappara wieġbet fit-30 ta' Ġunju 2021 u l-Avukat tal-Istat wieġeb, b'appell inċidentali, fil-5 ta' Lulju 2021.

7. L-appelli, kif ingħad, saru biss fuq il-*quantum* tal-kumpens, u għalhekk is-sentenza tal-ewwel qorti, għall-bqija, issa hija finali. Billi kemm l-appell ewlieni u kemm dak inċidentali jolqtu l-*quantum*, il-qorti sejra tqishom flimkien.

8. L-argument tal-atturi hu illi r-rilokazzjoni forzata tal-kirja seħħet mis-sena 1993 u għalhekk jistħoqqilhom kumpens b'seħħ minn dik is-sena u mhux biss minn meta wirtu l-fond billi huma suċċessuri tal-awturi tagħhom. Għalhekk jippretendu kumpens ogħla minn dak likwidat mill-ewwel qorti. Ifissru l-aggravju hekk:

> »L-esponenti jħossu aggravat bil-fatt illi l-qorti bdiet il-kalkolu għall-likwidazzjoni tal-kumpens ossija danni dovuti lill-esponenti mill-ġurnata illi huma wirtu l-proprjetà mingħand il-ġenituri tagħhom, ossija mis-sena 2011 u mhux mis-sena 1993, ossija minn meta skadiet l-ewwel sena tal-kirja in kwistjoni.
>
> »*Ai termini* tas-sentenza mogħtija minn din l-onorabbli qorti fl-ismijiet <u>Carmel Sammut *et v.* Maria Stella Dimech *et*</u> deċiża fis-26 ta' Mejju 2017 din l-qorti kkunsidrat illi:
>
> > »"Il-fatt li l-proprjetà għaddiet għand l-aħwa Sammut wara l-mewt ta' missierhom fit-22 ta' Ottubru 2008 ma jfissirx li għandhom jedd għall-kumpens minn dakinhar biss. Huma werrieta ta' misserhom u bħala tali għandhom jedd ukoll li jippretendu kumpens għall-perjodu meta missierhom kien is-sid …"
>
> »Ikkunsidrat dan l-insenjament mogħti minn din l-onorabbli qorti, il-kalkolu tal-kumpens pekunjarju likwidat mill-qorti kellu jibda ferm qabel il-mewt tal-missier u l-eventwali ereditá, u dan għaliex fuq kollox il-werriet jidħol fiż-żarbun tal-mejjet kemm għat-tajjeb kif ukoll fil-ħażin.
>
> »Danni pekunjarji huma effettivament telf li l-ġenituri tal-esponenti kienu soffrew u li wara mewthom baqgħu issofru l-esponenti, u konseg-wentament, bħala werrieta, l-esponenti għandhom jiġu kkumpensati flok il-kompjanti ġenituri tagħhom.
>
> »Fil-liġi, hemm kontinwazzjoni fil-patrimonju tal-mejjet mill-eredi tiegħu, u konsegwentament ġaladarba talli danni kienu dovuti lill-ġenituri, issa dovuti lill-werrieta tagħhom. Wieħed forsi jasal jifhem li danni morali ma

jintirtux, imma danni pekunjarji, li huma telf attwali, jintirtu mill-eredi bħal ma kienu jintirtu kieku kienu danni oħra mhux naxxenti minn ksur ta' dritt fundamentali.

»Għalhekk bl-istess kunsiderazzjonijiet applikabbli għall-kawża odjerna, u tenut kont ukoll ta' kif qiegħed jinħadem il-kumpens dovut għal danni pekunjarji, il-kumpens dovut kellu ikun dak ta' € 38,747 bħala danni pekunjarji li flimkien mal-€ 4,500 danni morali likwidati mill-qorti jammonta għal € 43,247.«

9. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»Permezz tal-aggravju tagħhom, l-appellanti jħossuhom aggravati għall-fatt li l-ewwel onorabbli qorti bdiet il-kalkolu għall-likwidazzjoni tal-kumpens mill-ġurnata illi huma wirtu l-proprjetà mingħand il-ġenituri tagħhom, u *cioè* mis-sena 2011 u mhux mis-sena 1993.

»L-ewwel onorabbli qorti llikwidat kumpens fl-ammont ta' € 21,100 f'danni pekunjarji, filwaqt li llikwidat kumpens fl-ammont ta' € 4,500 f'danni non-pekunjarji.

»Meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkostanzi fattwali tal-każ, fl-umli opinjoni tal-appellat kienet korretta l-ewwel onorabbli qorti meta qieset li l-kumpens għandu jingħata mis-sena 2011.

»L-appellanti fl-aggravju tagħhom jistrieħu unikament fuq is-sentenza fl-ismijiet <u>Carmel Sammut *et v.* Maria Stella Dimech *et*</u> sabiex jissus-tanzjaw l-argument tagħhom li l-kumpens pekunjarju likwidat mill-ewwel onorabbli qorti kellu jibda minn qabel l-2011;

»Kif ġie ritenut diversi drabi mill-qrati tagħna, "id-danni li jiġu likwidati fi proċediment kostituzzjonali u / jew konvenzjonali mhumiex danni ċivili li jiġu likwidati f'kawżi kondotti fil-proċedimenti ordinarji għaliex huma danni li jiġu likwidati minħabba vjolazzjoni aċċertata tal-jeddijiet fonda-mentali tal-persuna. Dan ifisser li meta fi proċediment tax-xorta bħal dak tal-lum il-qorti tiġi biex tagħmel il-likwidazzjoni għandha tqis fatturi li għandhom rilevanza li jinċidu fuq il-komputazzjoni tal-*quantum* tal-kumpens". Għalhekk, ma jistax jintuża l-kejl li donnhom qegħdin jużaw l-appellanti meta fir-rikors tal-appell tagħhom jgħidu "fil-liġi, hemm kontin-wazzjoni fil-patrimonju tal-mejjet mill-eredi tiegħu, u konsegwentement ġaladarba tali danni kienu dovuti lill-ġenituri, issa dovuti lill-werrieta tagħhom". Bl-istess argument jista' jingħad ukoll li hemm il-prinċipju tal-*pacta sunt servanda*. Iżda dak li qed jiġi trattat hawnhekk huma drittijiet fundamentali tal-bniedem u mhux sempliċi azzjoni ċivili għad-danni;

»Hawnhekk tajjeb li jiġi rimarkat li l-fond mertu ta' din il-kawża ġie mikri fis-sena 1992. Fir-rigward tal-kirja, l-intimata Joselene Ciappara tgħid fl-affidavit tagħha li "lilna qatt ma qalulna li l-kirja kienet minn sena għal sena. Li kieku dan kien minnu aħna qatt ma konna ħa nidħlu fl-ispiża li nirranġaw il-*flat* u nimlewh bl-għamara għal sena, iktar u iktar meta l-*flat* kien kompletament vojt meta dħalna fih". Il-kera perċepita bejn l-1992 u l-2001 kienet ta' Lm 300 (ekwivalenti għal € 698) fis-sena, filwaqt li għall-bqija tas-snin sal-preżentata tar-rikors il-kera perċepita għoliet għal Lm 400 (€ 931.74) fis-sena. Dan ifisser li l-isproporzjon eċċessiv fil-kera li jillanjaw minnu l-appellanti żgur mhux forsi li ma kienx hemm fl-ewwel ftit snin tal-kirja. Mhuwiex xi sigriet tal-KGB li dawn il-kawżi qed jiġu ppreżentati b'mod tant frekwenti dawn l-aħħar erba' snin għaliex

huwa biss dan l-aħħar li nħass iktar minn qatt qabel l-iżbilanċ, fejn hemm sidien li sfaċċatament jippretendu kirjiet f'ammonti eżorbitant, u sidien oħra li jbatu minħabba kirjiet baxxi żżejjed. L-irwol ta' din l-onorabbli qorti f'każijiet bħal dawn huwa proprju li ttaffi xi ftit tali żbilanċ.

»Għas-snin ta' bejn l-1993 u l-2010, tenut kont tal-għan leġittimu tal-liġi, tal-fatt li l-kirjiet għolew b'mod drastiku reċentement, il-fatt li l-valur lokatizju jiġi komputat *col senno di poi*, u anke tenut kont tal-fatt li ma hemm l-ebda ċertezza li l-fond kien ser jinkera dejjem, ma jistax jingħad li kien hemm sproporzjon bejn il-kirja perċepita u l-kirja indikata mill-Perit Marie Louise Caruana Galea fir-rapport tagħha għas-snin 1993-2010. B'żieda ma' dan, kif anke qalet il-perit stess fir-risposti tagħha għad-domandi in eskussjoni, l-avarija tal-valutazzjoni ta' binja bejn il-professjonisti tista' tvarja sa 15% minħabba l-element soġġettiv. Ċertament illi dan il-persentaġġ mhuwiex wieħed negliġibbli, u għalhekk anke dan l-element għandu jittieħed in kunsiderazzjoni.

»Għalhekk, fl-umli opinjoni tal-appellat, kienet korretta ferm l-ewwel onorabbli qorti meta fil-komputazzjoni għall-likwidazzjoni tal-kumpens pekunjarju qieset li dan għandu jibda jingħadd proprju minn meta l-appellanti wirtu l-proprjetà. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li oħt l-appellanti, Maria Buttigieg, ġiet nieqsa fl-2009, u l-porzjon li kellu effettivament jiddevolvi fuqha ddevolva konsegwentement fuq l-appellanti.

»Apparti dan kollu, l-appellat isostni li ġaladarba l-antekawża tal-appellanti għażlu li ma jistitwixxux kawża bħal dik odjerna, dan huwa sinjal qawwi li ma ħassewx li d-drittijiet fundamentali tagħhom kienu qed jiġu leżi; anzi, jista' jagħti l-każ li kienu sodisfatti bil-kirja perċepita f'dak il-perjodu. Bejn l-1993 u l-2011 is-suq tal-kiri kien ferm aktar volatili, u wieħed kien jirraġuna li aħjar għasfur f'idejk milli mija fl-ajru. Għalhekk wieħed kien jikkuntenta b'kirja li setgħet kienet taħt il-medja iżda kostanti, milli r-riskju li ma jirnexxilux jikri l-fond b'kera ogħla.

»Fir-rigward tal-argument tal-appellanti li kellu jingħata kumpens anke għas-snin qabel ma huma wirtu l-fond, l-appellat jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet <u>Doreen Grima *et v.* Awtorità tad-Djar *et*</u>, deċiża nhar it-3 ta' Diċembru, 2020, mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili, liema sentenza llum għaddiet in ġudikat, fejn ingħad illi:

> »"… … …
>
> »"Fil-każ preżenti, fil-fehma ta' din il-qorti, filwaqt li r-rikorrenti kellhom kull dritt, bħala sidien attwali, jiftħu din il-kawża f'isimhom proprju, ma kellhomx dritt jiftħuha bħala werrieta ta' missierhom. Dan għaliex għalkemm missierhom seta' tilef xi dħul pekunjarju minħabba n-nuqqas ta' tgawdija tal-proprjetà tiegħu ma fetaħ l-ebda proċeduri kostituzzjonali u barra minn hekk dan in-nuqqas ta' dħul ma ntiritx mir-rikorrenti. Huwa minnu li wirtu l-proprjetà kif effettwata bl-ordni tar-rekwiżizzjoni iżda dwar dan għandhom *status* ta' vittma biss mid-data tal-mewt ta' missierhom. Għalhekk id-dritt li tinfetaħ kawża fuq dan il-mertu mhix "trasferibbli" fis-sens kif iktar 'il fuq definit. Il-każ preżenti huwa differenti mill-każ ta' <u>Bjorkgren</u> billi f'dak il-każ fl-ewwel lok il-proċeduri dwar ksur tad-drittijiet fundamentali kienu ġà nbdew mid-*decujus* u fit-tieni lok it-talba kienet għal kumpens minħabba telf tal-valur tal-proprjetà nnifisha, liema proprjetà ntirtet mill-armel li ried ikompli bil-proċeduri. Min naħa l-oħra, fil-każ preżenti, it-talba mhix għal telf fil-valur tal-proprjetà nnifisha imma għat-telf ta' dħul mill-kera."

»L-esponent jaqbel perfettament ma' dan l-insenjament. Fil-kawża odjerna, id-*decujus* ma fetaħ l-ebda kawża, u għalhekk ma jistax jingħad li din il-kawża qed titkompla mill-werrieta, u, aktar minn hekk, żgur li ma jistax jingħad li kien hemm xi tnaqqis fil-valur tal-proprjetà nnifisha. Anzi bil-kontra, huwa magħruf li l-proprjetà hawn Malta togħla b'mod vertiġinuż kull sena. Filwaqt li l-appellanti jistgħu jagħmlu l-argument ipotetiku li kieku l-fond ma kienx mikri lill-inkwilini preżenti dan seta' jinkera b'kirja ogħla, l-esponent jista' ukoll jagħmel argument ipotetiku li kieku l-fond ġie ritornat lill-antekawża tal-appellanti, dan seta' ġie mibjugħ għal prezz irriżorju meta kkumparat mal-valur tal-fond kif inhu llum il-ġurnata

»Fi kwalunkwe każ, *dato ma non concesso*, jekk din l-onorabbli qorti tħoss li għandu jingħata kumpens sa mill-1993, il-komputazzjoni ta' tali kumpens għandu jinkludi diversi fatturi, fosthom it-tkaxkir tas-saqajn sabiex ġiet istitwita din l-azzjoni, il-perjodu meta tassew l-isproporzjon fil-kera beda jinħass, l-għan leġittimu tal-liġi, u fuq kollox, li tkun imnaqqsa mill-kumpens finali l-kera perċepita tul is-snin.

»Għal dawn ir-raġunijiet l-aggravju tal-appellanti mhuwiex mistħoqq u għandu jkun miċħud.«

10. Fl-appell inċidentali mbagħad l-Avukat tal-Istat igħid illi l-kumpens mogħti mill-ewwel qorti għandu jitnaqqas b'daqskemm irċevew kera l-atturi fiż-żmien relevanti. Ifisser l-aggravju hekk:

»L-[atturi] ngħataw € 25,600 f'kumpens għall-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom.

»L-esponent jemmen li l-kumpens pekunjarju ta' € 21,100 fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ kien kemmxejn għoli, speċjalment meta jidher li l-ewwel onorabbli qorti ma naqqsitx il-kera perċepita mill-[atturi] bejn is-snin 2011 sal-preżentata tar-rikors (Ġunju 2019).

»L-ewwel onorabbli qorti qieset li l-kumpens pekunjarju għandu jkun 50% tal-qligħ previst li setgħu jaqilgħu ipotetikament l-[atturi] mis-sena 2011 sal-preżentata ta' dan il-każ (Ġunju 2019).

»Jekk wieħed japplika l-insenjamenti tal-Qorti Ewropea <u>f'Cauchi *v.* Malta</u> tal-25 ta' Marzu 2021, liema tagħlim jidher li se jibda jkun użat bħala l-kumpass għal għoti ta' kumpens f'kawżi bħal dawn, l-ewwel onorabbli qorti kellha tnaqqas ukoll il-kera li tħallset lis-sidien bejn l-2011 u Ġunju, 2019.

»… … …

»Dan ifisser li jekk il-kera perċepita mill-appellati inċidentali bejn l-2011 sal-preżentata tar-rikors (Ġunju 2019) kienet tammonta għal € 7,919.79 (€ 931.74 fis-sena × 8.5 snin), l-esponent jifhem li dan l-ammont kellu jitnaqqas ulterjorment mis-somma ta' € 21,100 li tirrapreżenta 50% tal-qligħ previst li seta' ipotetikament ikun perċepit. Dan it-tnaqqis ta' 50% huwa perfettament *in linea* wkoll mal-insenjament ta' <u>Cauchi *v.* Malta</u>, liema tnaqqis jinkludi 30% għal-għan leġittimu tal-liġi, u 20% għall-fatt li l-[atturi] mhux neċessarjament kienu se jikru dejjem il-proprjetà in kwistjoni.

»Ma' dawn ir-raġunijiet, l-esponent iżid ukoll, anke jekk din l-onorabbli qorti tagħżel li tiskartahom, li l-valutazzjoni tal-perit tista' tvarja b'madwar 15%, u anke l-introduzzjoni tal-emendi permezz tal-Att XXIV tal-2021 illum il-ġurnata jagħtu rimedju adekwat sabiex is-sidien jgħollu l-kera, u saħansitra jieħdu lura l-post jekk jintwera li l-inkwilini ma jimmeritawx il-protezzjoni tal-liġi.

»Għalhekk, fuq l-insenjament ta' Cauchi *v.* Malta biss, il-kumpens pekunjarju kellu fil-verità jkun ta' mhux aktar minn € 13,180.21.

»Dan ifisser li l-ammont komplessiv tal-kumpens mogħti mill-ewwel onorabbli qorti inkluż danni pekunjarji u non-pekunjarji ma kellux jiżboq is-€ 17,680.21.

»Għaldaqstant, l-esponent filwaqt illi jirreferi għall-atti kollha tal-kawża, qiegħed fl-ewwel lok jitlob lil din l-onorabbli qorti sabiex tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti, u fit-tieni lok qiegħed jitlob lil din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali sabiex tilqa' dan l-appell inċidentali u tirriforma b'hekk is-sentenza mogħtija fis-27 ta' Mejju 2021 fil-kawża fl-ismijiet premessi billi takkorda kumpens fl-ammont ta' € 17,680.21 jew ammont inferjuri mill-kumpens li akkordat l-ewwel onorabbli qorti, bl-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell jitħallsu mill-familja Buttigieg.«

11. L-atturi ma humiex qegħdin jilmentaw dwar id-danni morali likwidati mill-ewwel qorti iżda qegħdin jilmentaw dwar il-likwidazzjoni tad-danni pekunjarji għax igħidu li dawn kellhom jiġu likwidati mill-ewwel darba li ġġedded il-kiri u mhux minn meta saru sidien tal-proprjetà b'wirt.

12. Ladarba l-atturi wirtu l-jeddijiet kollha tal-awturi tagħhom ħlief dawk strettament personali, u komplew il-personalità tagħhom, għandhom raġun l-atturi jgħidu illi wirtu wkoll il-jedd tal-awturi tagħhom għal kumpens għall-ksur tal-jeddijiet tagħhom bħala sidien, kif imfisser minn din il-qorti fis-sentenza ta' Sammut *v.* Dimech ċitata mill-atturi. Madankollu, f'dan il-każ tallum hemm fatturi oħra relevanti li għandhom ukoll jitqiesu.

13. L-awturi tal-atturi daħlu liberament fil-ftehim ta' kiri fl-1992, u mhux għax kienu mġiegħla, per eżempju, bit-tehdida ta' rekwiżizzjoni. Jekk krew il-fond għal tliet mitt lira (Lm 300) – li llum jiġu bejn wieħed u ieħor sitt mija u disgħa u disgħin euro (€ 699) – fis-sena meta l-valur lokatizju dak iż-żmien kif stmat mill-perit

maħtur mill-qorti kien ta' elf, disa' mija u wieħed u tmenin euro (€ 1,981) fis-sena, ma jistgħux issa jitfgħu l-ħtija fuq l-istat u jippretendu li jpatti l-istat għall-ftehim ħażin li għamlu. Tassew illi l-liġi imponiet fuqhom l-obbligu ta' rilok-azzjoni u għalhekk baqgħu marbuta b'dak il-kera għal żmien aktar milli xtaqu, iżda għall-inqas għall-ewwel snin tal-kiri ma jistgħux jilmentaw jekk il-kera kien miftiehem minnhom stess. Il-ksur tal-jedd tal-awturi tal-atturi u, illum, tal-atturi, ġej mill-fatt illi l-kiri baqa' jiġġedded sena wara sena wara li għaddew numru ta' snin, iżda ma jistgħux igħidu illi mill-bidunett bdew iġarrbu ksur bil-ħlas lilhom ta' kera miftiehem minnhom stess mal-kerrej.

14. Il-qorti tqis illi kiri għal skopijiet ta' residenza ordinarja, bħal ma jidher li kien il-kiri tallum, mhux sejjer normalment ikun għal anqas minn ħames snin, u għalhekk il-kumpens għal danni pekunjarji dovut lill-atturi għandu jitqies li jagħmel tajjeb għal sproporzjon fil-kera bejn is-snin 1997 u l-2019.

15. Meqjus il-kera xieraq kif likwidat mill-perit u l-kera li l-atturi daħħlu, jew setgħu jdaħħlu, bis-saħħa tal-liġi kif kienet fiż-żmien relevanti – li, kif sewwa igħid l-Avukat tal-Istat fl-appell inċidentali, għandhom jitnaqqsu mid-danni pekunjarji – id-differenza tiġi disgħa u sittin elf, sitt mija u tnejn u tletin euro (€ 69,632) kif jidher fl-iskeda A mehmuża ma' din is-sentenza biex titqies parti minnha.

16. Meqjusa mbagħad il-fatturi kif imfissra mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ta' <u>Cauchi *v.* Malta</u>[1], għandu jsir tnaqqas ta' tletin fil-mija (30%) u tnaqqis ulterjuri ta' għoxrin fil-mija (20%) biex jifdal bilanċ ta' tmienja u tletin elf, disa' mija u erbgħa u disgħin euro (€38,994), kif imfisser ukoll fl-iskeda A.

---
[1] Rik. 14013/19, 25 ta' Marzu 2021.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiddisponi kemm mill-appell tal-atturi u kemm minn dak tal-Avukat tal-Istat billi tirriforma s-sentenza appellata: tħassarha fejn illikwidat kumpens ta' wieħed u għoxrin elf u mitt euro (€ 21,100) bħala danni pekunarji u, minflok, tillikwida d-danni pekunjarji fis-somma ta' tmienja u tletin elf, disa' mija u erbgħa u disgħin euro (€38,994) li, flimkien ma' erbat elef u ħames mitt euro (€4,500) danni morali jġibu b'kollox tlieta u erbgħin elf, erba' mija u erbgħa u disgħin euro (€43,494); tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

18. Għalhekk tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas tlieta u erbgħin elf, erba' mija u erbgħa u disgħin euro (€43,494) b'titolu ta' danni pekunjarji u danni morali għall-ksur tal-jeddijiet tal-atturi.

19. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu regolati kif deċiż fis-sentenza appellata; dawk tal-appell tal-atturi jħallashom l-Avukat tal-Istat; dawk tal-appell tal-Avukat tal-Istat jibqgħu bla taxxa.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

Skeda A qed tiġi annessa sabiex tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

## Skeda A

| Sena | kera xieraq | kera kontrollat | indiċi ta' inflazzjoni |
|---|---|---|---|
| 1997 | 1,981.00 | 699.00 | 567.08 |
| 1998 | 2,520.00 | 699.00 | |
| 1999 | 2,520.00 | 699.00 | |
| 2000 | 2,520.00 | 699.00 | |
| 2001 | 2,520.00 | 699.00 | |
| 2002 | 2,520.00 | 699.00 | |
| 2003 | 3,000.00 | 699.00 | |
| 2004 | 3,000.00 | 699.00 | |
| 2005 | 3,000.00 | 699.00 | |
| 2006 | 3,000.00 | 699.00 | |
| 2007 | 3,000.00 | 699.00 | |
| 2008 | 4,200.00 | 699.00 | |
| 2009 | 4,200.00 | 699.00 | |
| 2010 | 4,200.00 | 949.21 | 770.07 |
| 2011 | 4,200.00 | 949.21 | |
| 2012 | 4,200.00 | 949.21 | |
| 2013 | 4,400.00 | 1,012.41 | 821.34 |
| 2014 | 4,400.00 | 1,012.41 | |
| 2015 | 4,400.00 | 1,012.41 | |
| 2016 | 4,400.00 | 1,033.30 | 838.29 |
| 2017 | 4,400.00 | 1,033.30 | |
| 2018 | 7,800.00 | 1,033.30 | |
| 2019 | 8,400.00 | 1,076.99 | 873.73 |
| | 88,781.00 | 19,148.75 | |
| Differenza | | 69,632.25 | |
| | -30% | 48,742.57 | |
| | -20% | 38,994.06 | |
| | | 4,500.00 | |
| | | 43,494.06 | |